MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2011

Numru 975/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR JOSRIC MIFSUD**
**VS**
**FAIZ OMAR ELSALLAK**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Faiz Omar Elsallak, ta’ 33 sena, iben Omar u Fatima, imwieled Benghazi, fit-3 ta’ Awwissu 1969, residenti fil-fond numru Flat 3 Marline Flats, Testaferrata Street, Gzira u detentur ta’ Karta ta’ l-Identtia’ bin-numru 23784(A).

Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer nhar l-24 ta’ Novembru, 2002 u l’erbgha xhur ta’ qabel, gol-Gzira u Birkirkara, u fi bnadi ohra f’Malta f’hinijiet differenti,

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza,

dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, lill-persuna/i, jew ghall-persuna/i, minghajr ma kellu licenzja mill-President ta’ Malta, u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorità moghtija mill-President ta’ Malta, li jforni d-droga msemmija, minghajr ma’ kien fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib tal-Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma’ kellu licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma’ kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli tal-1939, ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, meta ma’ kienx fil-pussess ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) ukoll talli kellu fil-pusses tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-ligijiet ta’ Malta, meta ma’ kienx fil-pusses ta’ awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern,

skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pusses tieghu dina d-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta,

d) ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur tal-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali sabiex l-imputat jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali (a fol 5);

Rat il-kontro ordni tal-Avukat Generali u l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali taht liema artikoli l-Qorti tista' ssib il-htija fl-imputat (a fol 392);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni tat-3 ta' Jannar 2011;

Rat in-nota responsiva tad-difiza tat-3 ta' Jannar 2011;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghar-rigward tat-tielet akkuza;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;
Ikkunsidrat:

L-imputat ghamel ammissjoni piena ghar-rigward tat-tielet akkuza cioe' tal-pussess semplici ta' droga eroina. Mix-xhieda tal-prosekuzzjoni u cioe' mix-xhieda tal-Spettur Josric Mifsud a fol 20 et seq jirrizulta illi waqt *search* fir-residenza ta' Philippa Elsallak li saret fil-prezenza tal-imputat il-prosekuzzjoni saru jafu b'residenza ohra tal-imputat u cioe' 77, Triq il-Qasab, B'Kara. Illi twetqet tfittxija f'din ir-residenza u hemmhekk giet misjuba borza bit-trab kanella, suspettata eroina. L-imputat Elsallak kien stqarr li kien lest li jghin lill-pulizija biex jinqabad it-traffikant minghand min kien jixtri, gie infurmat il-Magistrat tal-Ghassa li awtorizza l-*Controlled Delivery*. Il-ftehim bejn l-imputat u persuna ta' nazzjonalita' Gharbija saret ghal xiri ta' "hamsin (50) flokk", li kienet il-kelma miftehma li kienet tfisser gramma eroina. Infatti l-pulizija accedew immedjatament fuq l-indirizz, wetqu s-*search*, giet rekoverata borza bi trab kanella go fiha suspettata eroina u nfethet inkjesta ohra. L-imputat rrilaxxa stqarrija fejn stqarr li kien xtara sebghin (70) gramma eroina minghandu certu Ratib El Masugi u li wara li l-Magistrat Inkwirenti ordnat *Controlled Delivery,* mar jixtri "50 flokk" cioe' hamsin (50) gramma eroina ohra minghand l-istess Masugi. Id-droga suspetata giet esebita bhala esebti JM1 u l-mobile tal-imputat gie esebit bhala JM2. Spettur Mifsud xhed li l-imputat kien stqarr illi l-borza, li giet misjuba mill-pulizija fil-prezenza tal-mara tieghu Philippa Elsallak, kienet tieghu (ara a fol 22).

A fol 23 Spettur Mifsud iddikjara illi l-imputat kien ikkopera bis-shih mal-pulizija u li kien lest li jixhed fil-proceduri

kriminali kontra Masugi. Philippa Elsallak mart l-imputat iddikjarat illi r-ragel taghha kien il-persuna illi kien jikkonsma d-drogi u ma xtaqitx tixhed aktar minn dan.

Spizjar Mario Mifsud a fol 32 ikkonferma illi d-droga, li giet konsenjata lilu kellha piz ta’ 63.95 grammi, li kienet eroina u kellha purita ta’ 23% u esebixxa u kkonferma r-relazzjoni tieghu MM a fol 35 et seq.

L-ispettur Josric Mifsud a fol 64 xhed illi fid-data citata fl-akkuza huwa kien ordna *search* fil-fond tal-imputat u martu fil-Gzira, sussegwentement saret *search* ohra f’B’Kara fejn gew elevati oggetti in konnessjoni mad-droga u sussegwentement sar *controlled delivery* ta’ 50 gramma eroina ohra. Spettur Josric Mifsud xhed li l-imputat kien ikkonferma bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti l-istqarrija tieghu.

Dr Claire Cassar a fol 70 a nom ta’ Vodafone u Go Mobile ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet ma gie misjub ebda tip ta’ informazzjoni.

PS602 Jonathan Attard u PC186 Mintoff a fol 72 ikkonfermaw ir-relazzjoni taghhom dok. A1-A25, 25 ir-ritratt.

Spettur Mifsud a fol 84 esebixxa l-Fedina Penal tal-imputat JM3 a fol 86 et seq.

Dr Claire Cassar a fol 102 esebit dok. CC a fol 104 u CC1 dettalji dwar it-telephone number 99454673 f’isem Yousef Benomer u t-telephone number 99247730. Li kien mobile number de-attivat ma sabet ebda informazzjoni ulterjuli fuq l-imputat.

Dr Robert Tufigno gie moghti informazzjoni biex jaghmel verifiki mis-socjeta’ telefonika.

Marica Caruana a fol 129 esebit il-process verbal dok. MC.

Spettur Josric Mifsud a fol 161 ikkonferma illi l-imputat kien strumentali ghall-arrest tat-traffikant tad-drogi li filfatt ukoll gie processat u nstab hati u ghal daqs tant l-imputat ghandu jibbenefika minn Artiklu 29 Kap 101.

PC 554 George Zammit xhed in konessjoni tan-notifika.

Dr Cherrett a fol 181 ezentat lill-prosekuzzjoni mill-produzzjoni tal-Ispettur Nadia Lanzon u l-imputat accetta l-volontarjeta tal-istqarrija tieghu.

A fol 183 Dr Richard Sladden ezebixxa dok RS u RS1 u halifhom.

Spettur Josric Mifsud a fol 218 xhed illi l-involviment tal-Ispettur Lanzon kien jirrigwarda biss ittehid tal-istqarrija tal-imputat.

Il-Maggur Marisa Bartolo a fol 259 xhedet illi kellha struzzjonijiet biex twettaq *search* fil-Marilyn, Flat 2, Testaferrata Street, Msida fejn kien joqghod l-imputat u martu Philippa u waqt is-*search* Philippa Elsallak gabret xi haga u ppruvat tarmiha. Dan kien pakkett li kien jikkontjeni trab suspettat droga. Wara dan, il-pulizija wetqu tfittxija ohra fir-residenza 77, Triq il-Qasab, B'Kara fejn instab l-oggetti msemmiji a fol 259 in konnessjoni mad-droga. L-imputat fetah din ir-residenza bic-cwievet li kienu fil-pussess tieghu. Fir-residenza ta' B'Kara l-pulizija sabet borza bi trab suspettat droga u l-imputat gie arrestat. L-imputat informal lill-pulizija li kien lest li jaghmel *controlled delivery* mal-persuna li kienet beghtitlu d-drogi u cioe' Ratib u hekk sar bid-dettalji moghtiji a fol 260.

Claire Cutajar a fol 262 xhedet illi ma kellix informazzjoni ulterjuri x'taghti.

Spettur Maria Stella Attard a fol 293 ikkonfermat illi l-Ispettur Josric Mifsud kien investiga dan il-kaz u li hi ma kienitx involutha fl-investigazzjoni.

Spizjar Mario Mifsud ikkonferma illi l-valur ta' droga misjuba ghand l-imputat kienet ta' tlett elef, seba' mija u

tlieta u ghoxrin Ewro (3723 Ewro) (ara relazzjoni dok MMX minnu prezentata u mahlufa).

Dr Claire Cassar xhedet li ma kellhiex informazzjoni ulterjuri fuq dan il-kaz.

Perit Valerio Schembri esebixxa r-relazzjoni tieghu dok. VS u kkonferma l-konkluzzjonijiet tieghu illi kien hemm anqas minn 100 metru f’distanza mill-Kazin tal-Partit Laburista ta’ B’Kara ghalfejn allegatament kien qed isir l-ispacc tad-drogi.

PS673 Joseph Mallia ma giex infurmat b’ebda inkarigu.

PS451 a fol 328 ikkonferma s-searches f’Marline Flats no. 2 Testaferrata Street Msida u 77 Triq il-Qasab B’Kara huwa xhed illi f’Marline Flats sabu lil Mart Elsallak li kellha borza zghira trasparenti bi trab kannella, waqt li f’B’Kara l-pulizija sabu ammont sostanzjali ta’ droga fi tlett boroz separate, flimkien ma’ oggetti ohra, li jintuzaw fil-konsum ta’ drogi; ikkonferma l-*controlled delivery* fuq it-traffikant dinunzjat mill-imputat u cioe’ Ratib El Masuki.

PC1472 ikkonferma t-tfittxija f’Anthony Flats no. 6 f’Paceville ta’ certu El Masuki liema tfittxija kienet fin-negattiv pero’, fuq travu fl-ambjent komuni, instabet id-droga.

Martin Bajjada esebixxa u halef dok. MB.

Spettur Pierre Grech a fol 386 ikkonferma l-ismijiet kollha illi l-imputat kien maghruf minnhom u li kollha jirreferu ghall-imputat Faiz Omar Elsallak.

PC599 Clyde Mangion ikkonferma t-tfittxijiet illi saru fir-residenzi tal-imputat f’Testaferrata Street u fi Triq il-Qasab u dak kollu illi sabu.

Anthony Bonnici a fol 386 ikkonferma li huma kkonservaw informazzjoni ghal zmien stipulat u li dan iz-zmien kien skada.

Ikkonsidrat:

Illi mill-provi prodotti bi prosekuzzjoni l-Qorti taghraf l-istess prosekuzzjoni ma gabet ebda xrara ta' evidenza li turi b'xi mod l-imputat kien qieghed jitraffika d-droga eroina. Dan qieghed jinghadd il-ghaliex ebda xhud ma gie prodott li ghamel tali asserazzjoni. Il-Qorti taghraf illi l-anqas l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Josric Mifsud, qatt ma ddikjara illi kellu evidenza li l-imputat kien traffikant tad-droga. Ghaldaqstant certament, ma tissustixx l-ewwel akkuza. L-imputat pero' ammetta t-tielet akkuza u cioe' dik ta' pussess semplici.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti trid tanalizza kemm –il darba il-prosekuzzjoni ppruvatx it-tieni akkuza u cioe' pussess ta' drogi f'cirkustanzi li juru li ma kienitx ghal uzu esklussiv tal-imputat.

Illi kif gie korettement enuncjat mill-Qorti tal-Appell Kriminal, fil-Kawza tal-Pulizija vs Brian Caruana per Imhallef Dr Joseph Galea Debono:

***Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu eskluzziv tal-akkuzat fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha il-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu u ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi u mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika u l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli.***

**(Vide ukoll Appell Krim. Pulizija vs Charles Muscat deciza 18 ta' Gunju 2009 Pulizija Carmel Degiorgio deciza fis-26 ta' Awwissu 1998 u Pulizija vs Carmel Spiteri deciza 2 ta' Settembru 1999).**

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi l-pulizija tad-D*rug Squad*, kif konfermat minn l-ispizjar Mario Mifsud, sabu u elevaw 63.95 grammi ta' eroina li jinqasmu, fis-suq, fit-tlett mitt doza ta' eroina, b'valur fis-suq ta' tlett elef, seba' mija u tlieta u ghoxrin Ewro (3723 Ewro). Gie ddikjarat illi l-purita ta' din id-droga kien ta' 23%. Illi di piu din id-droga kienet qed tinzamm f'distanza ta' inqas minn mitt metru minn Klabb Politiku.

Din il-Qorti,irrinfaccata b'dawn il-provi, taghraf illi c-cirkostanzi ta' tlett mitt doza eroina u *street value* ta' kwazi 4000 Ewro ma tista' qatt tigi konsidrata bhala pussess ghal uzu personali tal-imputat u dana minkejja l-isforz ammirevoli tad-difiza biex tipprova mod iehor.

Illi con tutto rispetto l-Qorti ma tikkondividix ma dak solellevat mid-difiza illi l-purita baxxa tad-droga tinfluwixxi fuq kif din il-Qorti ghandha tqis il-piz ta' doza elevata mill-pulizija. Tant il-purita ma tinfluwenzax il-kwantita ta' droga illi kif jafu bene tajjeb il-Magistrati Inkwerenti ta' dan il-pajjiz illi ta' kull sena, diversi zghazagh immutu b'invalenament precizament minhabba l-impuritajiet u *toxins* kontenuti fid-droga mahmuga fuq is-suq.

Illi din il-Qorti taqbel perfettament mal-prosekuzzjoni fl-applikabbilita ta' Artiklu 29 Kap 101 fil-konfront tal-imputat u dana wara li l-Qorti rat bir-reqqa ix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud u l-Ispettur Pierre Grech.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti ssib l-imputat mhux hati tal-ewwel akkuza li minnha tilliberah, hati tat-tieni, it-tielet u r-raba' akkuza u wara li rat Artikoli 9, 22(1)(a) u (b), 22 (b)(i), u tieni provisio tal-Artiklu 22b, Artiklu 29 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, id-dispozizzjonijiet tat-taqsima 4 u 6 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4, 8 u 9 tal-GN 292/1939, tikkundannah ghal sentejn u nofs prigunerija u tikkundannah ihallas multa ta' elfejn Ewro (2000 Ewro) li ghandha tithallas b'rata mensili ta' mitt (100) Ewro fix-xahar. In oltre il-Qorti tordna, ai terminu ta' Artiklu 533 Kap 9, l-imputat ihallas l-esperti nominati fil-mori ta' dawn il-proceduri. Di piu il-Qorti tordna il-konfiska tal-mobile esebit; il-konfiska u d-distruggiment ta' droga

elevata f’dawn il-proceduri taht is-sorveljanza tar-registratur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-ammont ta’ droga misjuba, l-eta’ tal-imputat, l-ammissjoni fl-istadju tardif tal-proceduri u l-kooperazzjoni pjena tal-imputat mal-pulizija li kkwalifikat lill-imputat ghat-tnaqqis tal-piena ai termini tal-Artikoli 29 Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------